**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Owen Schiavone**
**Karim Eldessouki**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Owen Schiavone ta 18-il sena, iben Rosa Calleja xebba' Schiavone, imwieled l-Pieta' nhar l-25 ta' Settembru 2004, detentur tal-Karta ta' l-Identita' 316704(L) u residenti Flat 4, Dream Court, Triq is-Sibi, Kalkara.

Karim Eldessouki ta' 18-il sena, iben Ali Ibrahem Eldessouki u Mary-Grace Eldessouki xebba' Grech, imwieled l-Pieta' fl-4 t'April 2004, detentur tal-Karta ta' l-Identita' 117504L u residenti Flat 4, Dream Court, Triq is-Sibi, Kalkara

Akkuzati talli:

1. Fil-15 ta' Dicembru 2022 għal ħabta ta' 23:30Hrs, ġewwa Vjal Sir Temi Zammit u / jew fl-inħawi tal-madwar, ġewwa Ta' Xbiex , mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' Flynn Alfie Jonathan Mifsud f'periklu car, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ġrieħi huma ta' natura gravi, hekk kif certifikat minn Dr Winston Bartolo mill-Isptar Mater Dei.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ħebbew ghall-istess Flynn Alfie Jonathan Mifsud sabiex jinġurjawh, iddejjaquh jew jagħmlulu ħsara.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzati ghall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess iz-zewg imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

4. Il-Qorti wissiet liz-zewg imputati bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghhom u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom hija ta' seba' (7) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputati jikkonsultaw mal-avukati difensuri rispettivi taghhom biex jaraw jekk iridux jirrevedu l-pozizzjoni taghhom.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet liz-zewg imputati jekk kellhomx hin bizzejjed sabiex jikkonsultaw mal-avukati difensuri taghhom u z-zewg imputati wiegbu

fl-affermattiv. Mistoqsija mill-Qorti jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom, iz-zewg imputati ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

6. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni taghhom stess, il-Qorti issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom.

8. Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati irregistraw ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u b'hekk huma ma hlewx il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u l-forzi tal-ordni.

9. In oltre, l-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputati mhux biss ikkoperaw mal-Pulizija izda wkoll ghenu b'mod attiv l-investigazzjonijiet tal-Pulizija fuq reati ohra kommessi minn terzi persuni.

10. Hija hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-fedina penali hija wahda netta, u li z-zewg imputati ghad ghandhom tmintax (18)-il sena. Iz-zewg imputati jghixu wahedhom, u t-tnejn ghandhom problemi familjari billi wiehed ghandu z-zewg genituri mejtin fil-waqt li l-genituri ta' l-iehor huma separati. Jidher li z-zewg imputati irrikonoxxew l-izball taghhom u iddispjacihom minn dak li ghamlu.

**Konkluzjoni**

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Wara li rat l-Artikoli 216(1)(b), 339(d) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, pero tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed liz-zewg hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet

stretti li qed jigu imposti fuqhom skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

2. Il-Qorti wissiet liz-zewg hatja bi kliem car jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huma jkunu jisghu jigu ikkundannati ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hatja esprimew r-rieda taghhom li jikkonformaw mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

3. Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Flynn Alfie Jonathan Mifsud, qieghda torbot lill-hatja li ghal zmien sena (1) millum, bl-ebda mod ma jikkuntattjaw jew jimmollestjaw lil Flynn Alfie Jonathan Mifsud, u dan b'obbligazzjoni taghhom innifshom taht penali ta' elf Euro (€1000.00) kull wiehed.

12. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole

13. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**